Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TA' L-EWWEL LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 4 ta' April 2012

**Ħin:** Mill-5.30pm sas-6.40pm

**Prezenti:**

Is-Sur Guido Borg (Chairman)
It-Tabib John Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku.</u>**

Il-Kunsillier G. Borg bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan ħa s-siġġu u bdiet il-laqgħa.

Il-Kunsillier G. Borg għadda biex jistaqsi lill-Kunsillier, it-Tabib John Zammit Montebello jekk jaċċettax l-kariġa ta' Sindku peres li huwa l-Kunsillier li ġab l-akbar numru ta' voti fl-ewwel *count* minn fost il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista li tella' l-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri.

Il-Kunsillier John Zammit Montebello aċċetta l-kariga ta' Sindku u pprezenta lill-Kunsill b'ittra fejn informa lill-Kunsill li jaċċetta l-ħatra (mehmuza).

F'dan il-ħin il-membri kollha ferhu lis-Sindku. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentatu bil-*lapel badge*, l-insigna u ċ-ċwievet ta' l-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku, it-Tabib J. Zammit Montebello ħa s-siġġu f'dan il-ħin.

**2. <u>Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku.</u>**

Is-Sindku għadda biex jistaqsi lill-Kunsillier J. M. Galea biex jekk jaċċettax il-kariġa ta' Viċi-Sindku peres li huwa l-Kunsillier li ġab it-tieni l-akbar numru ta' voti fl-ewwel *count* minn fost il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista li tella' l-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri.

Il-Kunsillier J. M. Galea aċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku u pprezenta lill-Kunsill b'ittra fejn informa lill-Kunsill li jaċċetta l-ħatra (mehmuza).

F'dan il-ħin il-membri ferhu lil-Viċi-Sindku.

### 3. <u>Ħatra ta' Kumitati.</u>

Is-Sindku ppropona li jkun hemm is-sotto-kumitati li ġejjin: "Edukazzjoni, Kultura u Pubblikazjonijiet" (li jkun ukoll responsabbli minn-*newsletter* tal-Kunsill u l-*website*), " Anzjani u kuntatti ma' l-iskejjel li jinsabu fil-lokal ta' Ħal Balzan ( jgħin ukoll fil-ħruġ tan-*newsletter* tal-Kunsill), "Entitajiet Kummerċjali u Soċjeta Ċivili" "Manutenzjoni u Attivitajiet" (li jkun ukoll responsabbli mit-tindif, il-ħaddiema li huma ssekondati mal-Kunsill u l-manutenzjoni), u "Forum tal-Lokalita'" (li fiħ ikun hemm rapprezentanti ta' l-għaqdiet tar-raħal u l-parroċċa). Is-sekondant tal-mozzjoni kien il- Viċi-Sindku. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg ppropona li l-Kunsillier Stephen Gatt jkun ic-chairman tas-Sotto-kumitat bl-isem "Entitajiet Kummerċjali u Soċjeta Ċivili'". Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku ppropona li l-Kunsillier Guido Borg ikun ic-chairman tas-Sotto-kumitat bl-isem "Anzjani u Skejjel". Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg ppropona li l-Viċi Sindku jkun ic-chairman tas-Sotto-kumitat bl-isem "Manutenzjoni u Infrastruttura". Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ikun ic-chairman tas-Sotto-kumitat bl-isem "Edukazzjoni, Kultura u Pubblikazjonijiet". Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg ppropona li l-Kunsillier Stephen Gatt jkun ic-chairman tas-Sotto-kumitat u l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara jkun Viċi Chairman bl-isem "Forum Lokalita". Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**F'dan il-ħin is-Sindku ħareġ mis-Sala.**

### 4. <u>Onoraria tas-Sindku.</u>

Il-Viċi-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg ppropona li s-Sindku jingħata l-massimu ta' l-onorarja li tippermetti l-liġi tal-Kunsilli Lokali. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

### 5. <u>Ġieħ Ħal Balzan.</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-*file* li fih il-formoli bid-dettalji tat-tliet nominazzjonijiet li rċieva l-kunsill għal-unur Ġieħ Ħal Balzan. Il-persuni li ġew innominati huma s-Sur Gorg Muscat, is-Sur Anthony Grech, s- Sur Gorg Grech u Is-Sur Reuben degabriele (mehmuza).

Is-Sindku li kien issekondat mis- Sur Stephen Gatt ppropona li l-unur Ġieħ Ħal Balzan jingħata lis-Sur Reuben Degabriele. Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni wara li saret diskussjoni dwar ċerti punti ta' kriterji fejn anke ukoll il-Kunsillier G. Borg ppropona lil- Gorg Grech tas-sehem li huwa jagħti għal-ġid tal-knisja. Ma setax jittieħed vot għaliex ma kienx ssekondat. F'dan l-stadju, Il-Viċi Sindku ppropona li Gieħ Ħal Balzan jingħata lis- Sur Gorg Grech u lis-Sur Gorg Muscat. Din il-proposta ġiet ssekondata mill-Kunsillier G. Borg. Din għaddiet għal vot fejn b'żewġ voti favor u tlett voti kontra din il-proposta ma' għaddietx.

## 6. Affarijiet Oħra.

Is- Segretarju Eżekuttiv xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill minħabba l-attivita' ta' Festa Frott li kellha ssir nhar il-Ħadd 15 ta' April 2012 fejn qal li din l-attivita' ser taħbat ma' dak ta' Festa Frawli li ser ssir l-Mġarr, kif ukoll li ma tantx baqa' żmien biex tiġi organizzata din l-attivita.

Għalhekk ġie deċiz mill-Kunsill li għal-din is-sena din l-attivita' tiġi mħassra minħabba dawn iċ-cirkostanzi u għandhom jiġu mgħarfa d-Dipartimenti konċernati fuq din id-deċizjoni.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 11 ta' April 2012 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mr. Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data